MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 852/2003/1

**C & L Calleja Trading Ltd.**

**vs**

**Victor Aquilina**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm946.42) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mixtrija u wzata mill-konvenut ghan-negozju li kien jiggestixxi mill-Barbarella Restaurant, San Giljan;

Illi nonostante illi gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont rikjest, il-konvenut hallas biss parti izda baqaghet pendenti s-somma mitluba fl-avviz;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi hekk kif indikati fil-prospett anness sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn intqal illi l-konvenut qatt ma ordna xoghol minghand l-attur u ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur.

Semgha x-xhieda ta' Victor Aquilina, Ronnie Said, Louis Calleja u Marion Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghall-merci konsenjata lill-konvenut. Il-konvenut qed jghid li hu ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur.
2. Jirrizulta li l-konvenut kellu l-Barbarella Restaurant f'San Giljan, Il-merci kienet tigi konsenjata ghal dan ir-restaurant.
3. Il-konvenut qed jghid li kien Ronnie Said responsabbli ghall-hlasijiet, in kwantu kien hu li qed jiggestixxi n-negozju. Pero` mill-kumpless tal-provi dana ma jirrizultax. Jirrizulta minflok li Said kien impjegat mal-konvenut, u kien hekk registrat mal-ETC, Dok.LC1.
4. Fil-bidu tax-xhieda tieghu l-istess konvenut jiddikjara li Said kien impjegat mieghu, fis-sens lid an kien jiehu hsieb l-management ta' Barbarella Restaurant. Pero` jirrizulta wkoll li kien il-konvenut li kien jimla l-formoli tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-imsemmi negozju. Ghalhekk ma hemmx dubbju f'dan il-kuntest li l-konvenut kien finalment responsabbli. Jekk saru ordnijiet zejda minn Ronnie Said u Francesco Minitti, it-tnejn li kienu jkunu fir-restaurant, dik hi kwistjoni li l-konvenut se mai irid jara separatament maghhom u mhux mas-socjeta` attrici.
5. Huwa minnu li fil-kwalita` tieghu ta' Manager, Said kien jordna l-ikel minghand is-socjeta` attrici. Hemm qbil

bejn il-partijiet li c-cekkijiet kien johroghom Ronnie Said. Id-dokumenti esebiti a fol.34 sa fol75 juru bic-car li l-invoices kienu jinhargu lil Barbarella Restaurant, jew Trattoria Barbarella, u li l-"contact person" kien xi drabi Said, xi drabi Minitti.
6. Louis Calleja, General Manager tas-socjeta` attrici jikkonferma li lil Said jafu bhala Manager tar-restaurant imsemmi, pero` l-propjetarju kien il-konvenut. L-istess Said jikkonferma li sa Lulju, 2002 kien part-time Manager mas-socjeta` EW Enterprises Ltd li hi socjeta` tal-konvenut. Jirrizulta li mill-bidu nett, is-socjeta` attrici kienet infurmata li Said kien biss impjegat. In-negozju baqa' jsir anke wara li spicca Said minn hemm.
7. It-Tribunal fic-cirkostanzi hu soddisfatt li l-ammont mitlub huwa dovut esklussivament mill-konvenut, salv u mprgudikat kull dritt tal-konvenut fir-rigward ta' Said.
8. L-ammont dovut jirrizulta mhux biss mid-diversi invoices esebiti izda ukoll mill-istatement esebit Dok.A (fol.2 sa fol.4).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm946.42) bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Mejju, 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

Kontra din is-sentenza appella l-konvenut li talab ir-revoka taghha. L-aggravju tieghu jikkonsisti principalment fil-fatti illi skond hu t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghamel konsiderazzjoni zbaljata meta kkonkluda li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici huwa dovut minnu. Fir-rigward huwa jissenjala dawn l-punti:-

(a) Il-fatturi emessi mis-socjeta` attrici kienu jindikaw lil certu Ronnie Said jew Francesco Minitti u mhux lilu;

(b) Kienu l-imsemmija persuni li dejjem hallsu ghall-merce mixtrija ghar-*restaurant* b' cekkijiet personali taghhom;

(c) Ronnie Said u Francesco Minitti talbuh il-*goodwill*. Dan il-fatt gie skartat mit-Tribunal;

(d) Is-socjeta` attrici rrikonoxxiet li l-hlas kien dovut minn haddiehor u mhux minnu;

Rikapitolati fil-qosor il-fatti sostanzjali jiddemostraw illi:-

(a) L-immaneggjar tar-restaurant kien f' idejn Ronnie Said u Francesco Minitti, anke jekk bejn il-konvenut u dawn il-persuni ma kien hemm xejn bil-miktub (ara xhieda tal-konvenut a fol. 18);

(b) Dejjem skond kif mistqarr mill-istess konvenut, Ronnie Said kien impjegat *part time* (ara wkoll dokument ta' l-ETC a fol. 77). B' danakollu l-istess konvenut jiddikjara li ghalih ma kienx impjegat ghax la hallsu paga, la taxxa u lanqas bolla (fol. 32). Jinsisti li kien hemm arrangament bejniethom (fol. 95);

(c) Invece Ronnie Said jixhed li hu kien imexxi r-*restaurant* ghan-nom tal-konvenut (fol. 82);

(d) Anke jekk jinsab konfermat illi fil-perijodu tal-gestjoni tar-*restaurant* bejn l-1 ta' Awissu 2001 u l-21 ta' Lulju 2002, meta allura Ronnie Said ma baqax *manager*, il-hlas tal-prodotti mixtrija kien isir mill-imsemmi Ronnie Said, li fuqu kien ukoll jinhargu l-*invoices*, ghas-socjeta` attrici Ronnie Said kien sempliciment il-*manager* tal-restaurant li tieghu l-proprjetarju kien il-konvenut. Ara deposizzjoni ta' Louis Calleja, General Manager tas-socjeta` attrici (fol. 78);

(e) Jirrizulta minn dak ammess mill-konvenut illi hu kien jiehu hsieb il-VAT relatat mar-*restaurant* (fol. 19);

Fuq il-bazi tal-premessi fatti t-Tribunal ikkonkluda li Ronnie Said ma kienx hlief impjegat ossija *manager* inkarigat mill-konvenut fil-gestjoni tar-*restaurant* u li kwindi l-ammont mitlub kellu jithallas mill-konvenut, *qua* sid tar-*restaurant*. Wiehed necessarjament jiddeduci mir-ragonament tat-Tribunal illi biex wasal ghal din il-

konstatazzjoni t-Tribunal uza dik id-diskrezzjoni konsentita lilu fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni tieghu. Dan seta' jaghmlu ghaliex kienu, fil-fehma tieghu, irrizultawlu elementi ta' provi sufficcjenti li stabbilew li Ronnie Said kien il-*manager* tar-*restaurant* inkarigat mill-konvenut biex proprju jmexxi n-negozju ta' l-istess *restaurant*;

Mill-kumpless tal-provi u tac-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti ssib li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni adoperat mit-Tribunal kien wiehed korrett u sewwa indirizzat;

In tema legali din il-Qorti ssib li l-posizzjoni ta' Ronnie Said kienet dik ta' institur kif dixxiplinat fl-Artikolu 57 tal-Kodici tal-Kummerc. Din il-figura guridika hi karatterizzata essenzjalment mill-inkarigu gestjonali affidat lilu mill-konvenut biex imexxilu r-*restaurant*. Kien l-appellant li ddelegalu dmirijiet ta' gestjoni. Inkarigu dan unikament dipendenti mill-volonta` tal-konvenut, li jikkreja bejnu u l-imsemmi Ronnie Said rapport ta' xoghol subordinat u fejn allura l-poter tar-rapprezentanza ta' l-institur jidderiva *ex lege*, tant li kif jinghad fl-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 13 l-inkarigu jista' jkun ukoll wiehed tacitu, oltre dak espress;

Meta dan hu l-kaz "il-principal hu responsabbli ghall-ghemil ta' institur u ghall-obbligazzjonijiet li dan ikkontratta fil-limiti tal-kummerc jew fil-linja ta' kummerc li jkunu gew imhollija f'idejh" (Artikolu 60). Kif spjegat fis-sentenza a **Vol. XX P III p 21**, "*l' institore è di fronte ai terzi un mandatario commerciale e di fronte ai suoi preponanti un locatore d' opera soggetto alle stesse leggi che regolano la revoca di mandato e di locazione d' opera*";

Ghall-iskop tal-prezenti azzjoni dak li forsi hu aktar fundamentali hu d-dispost ta' l-Artikolu 62 (2). Dan jipprovdi illi jekk l-institur ma jiddivulgax li qed jagixxi f' isem il-principal huwa jobbliga ruhu personalment. Ciononostante l-istess artikolu jissokta jippreciza illi "f' dak il-kaz, it-terzi jistghu jezercitaw ukoll kontra l-principal, l-

azzjonijiet li jitnisslu minn dawk l-atti ta' l-institur li jaghmlu ma' l-ezercizzju tal-kummerc u li huma mehtiega ghall-ezercizzju tal-kummerc li minnu jkun inkarigat";

Huwa sintomatiku illi dan l-artikolu tal-ligi qieghed hawn ghat-tutela tat-terzi u jikkomprendi zewg ipotesijiet distinti ta' assunzjoni ta' responsabilita`: wahda a karigu ta' l-institur innifsu u l-ohra a karigu tal-principal. Hi l-ligi li tohloq il-presunzjoni li t-titolar ta' l-impreza hu responsabbli ghall-attijiet kompjuti u obbligazzjonijiet assunti f' ismu fil-lok li jkun qed jigi gestit. Dan naturalment in bazi ghall-principju ta' l-apparenza guridika u ta' l-affidament. Dan igib li f' dawk il-limiti l-preponent jew principal jibqa' di fronte ghat-terzi obbligat solidalment ma' l-institur. Li jfisser li t-terz jista' jagixxi direttament kontra l-principal u dan minghajr l-oneru tal-prova pozittiva li l-kuntratt kien konkjuz u l-obbligazzjoni assunta mir-rapprezentant f' isem il-preponent. Ara decizjoni tal-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, Numru 1889 tas-6 ta' Lulju 1982** u sentenzi tal-Qrati taghna a **Vol. XXII P III p 29 u p 71**. Se mai fir-rapport intern il-principal jibqalu dritt ta' rigress kontra l-institur jekk dan ikun agixxa *per conto proprio*. Jibqa' l-fatt illi ghas-socjeta` attrici, *qua* terz, din il-materja hi *res inter alios acta*.

Fuq il-bazi tal-provi akkwiziti u tal-konsiderazzjonijiet legali suesposti din il-Qorti assolutament ma tarax kif tista' tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------